MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Civili Numru. 499/2007/1

**Edward Baldacchino**

**v.**

**Direttur Qrati u Tribunali Civili**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu provvediment limitat ghall-pregudizzjali sollevata mill-appellat Direttur Qrati u Tribunali Civili fl-udjenza tal-21 ta’ Mejju 2007, u cioe bazikament dwar ir-ritwalita ta’ dana l-appell. Id-difensuri tal-partijiet – Dott. Karmenu Mifsud Bonnici ghall-appellant Baldacchino u Dott. Francesco Depasquale ghad-Direttur Qrati u Tribunali Civili – ittrattaw dana l-punt fl-udjenza tat-18 ta’ Gunju 2007.

**2.** Il-fatti brevement huma s-segwenti: fit-3 ta’ April 2007 Edward Baldacchino talab il-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-konfront ta’ l-imsemmi Direttur biex dan jigi mizmum milli jezegwixxi l-mandat ta’ zgumbrament numru 314/07 “billi dan qieghed imur kontra s-sentenza moghtija llum…fil-kawza numru 373/07 JRM li ddecidiet li l-imsemmi mandat ma hux ezegwibbli kontra l-esponent.” B’decizjoni moghtija mill-Prim Awla fit-23 ta’ April 2007, it-talba ghall-hrug ta’ l-imsemmi mandat giet michuda. Permezz ta’ rikors intavolat quddiem din il-Qorti fis-27 ta’ April 2007, l-imsemmi Edward Baldacchino appella minn din id-decizjoni. Fl-udjenza tal-21 ta’ Mejju 2007, l-appellat, permezz ta’ l-imsemmi difensur tieghu issottometta bhala pregudizzjali *“…li minn digriet li jichad il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni ma hemmx appell quddiem din il-Qorti izda semmai r-rimedju hu dak ta’ kawza biex timpunja dak id-digriet.”*

**3.** Issa, hija gurisprudenza kostanti – u dan ikkoncedih lealment anke l-abbili difensur ta’ l-appellant – li minn digriet li jichad jew jilqa’ talba ghall-hrug ta’ mandat kawtelatorju (jew, addirittura, minn digriet li la hu interlokutorju u lanqas definittiv tal-vertenza) <u>ma hemmx appell dirett lil din il-Qorti</u>, izda l-procedura hi li min irid jikkontesta tali decizjoni jrid jipprocedi fil-kontradittorju fil-Prim Awla permezz ta’ citazzjoni (illum rikors guramentat), u jkun imbaghad minn dik id-decizjoni tal-Prim Awla li jkun hemm dritt ta’ appell lil din il-Qorti: ara *inter alia* **Edgar Baldacchino et v. Joseph Bellizzi** Qorti ta’ l-Appell, 10/8/1953; **Darryl Francis Grima pro et noe v. L-Onor. Prim Ministru et noe** Qorti Kostituzzjonali, 21/6/1988; **Paul Tanti pro et noe et v. Sammy Mifsud pro et noe et** Qorti ta’ l-Appell, 19/11/2001; u **Josef Gatt v. Marisa Gatt**

Qorti ta' l-Appell, 8/5/2003. Fir-realta d-decizjoni appellata la hi digriet jew sentenza definittiva ghax ma tidderimix il-vertenza bejn il-partijiet – it-talba kienet ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, procedura kawtelatorja intiza biex biex tissalvagwardja temporanjament, u wara li jigi muri li hemm *prima facie*, dritt kawtelabbli, liema mandat neccessarjament irid jigi segwit bil-kawza fil-meritu[1] u jkun f'din il-kawza li tigi deciza l-vertenza – u allura ma hemmx appell kif previst fl-Artikolu 226(1) tal-Kap. 12; u lanqas ma hi d-decizjoni appellata xi digriet li jaqa' taht xi wahda jew ohra mid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 229 ta' l-imsemmi Kodici. Fejn il-legislatur ried li jkun hemm appell direttament lil din il-Qorti, dan qalu espressament (ara l-Artikolu 283A(4), Kap. 12); fejn, invece, qal jew implika semplicement li jista' jkun hemm "appell u kontestazzjoni" minn digriet li la hu definittiv u lanqas kawtelatorju – ez. minn digriet li jichad talba ghall-hrug ta' kontro-mandat ghal mandat kawtelatorju (Art. 836(5), Kap. 12) – bla ma specifika kif isir dan l-"appell u kontestazzjoni", gie ritenut li anke hawn wiehed irid jipprocedi permezz ta' citazzjoni (illum rikors guramentat) quddiem dik l-istess Qorti u in segwitu biss ikun hemm id-dritt ta' appell lil din il-Qorti – ara **Tanti v. Mifsud** *supra*, u **Alexander Grech et v. Mammia Mia Restaurant** [*recte*: **Alexander Grech et v. Mamma Mia Company Limited et**] Qorti ta' l-Appell, 15/2/2005.

**4.** Ghall-motivi premessi, tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-appellat Direttur Qrati u Tribunali Civili, u tiddikjara l-appell irritu u null, u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. Spejjez ta' din l-istanza jkunu a karigu ta' l-appellant.

[1] Din il-Qorti hija ben konxja mill-fatt illi, bl-emendi maghmula recentement fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili bl-Att XIV tal-2006 it-terminu li fih trid issir il-kawza wara l-hrug ta' dak il-mandat tnehha. Fil-fehma kunsidrata tal-Qorti, din hi evidentement zvista dovuta ghal nuqqas ta' attenzjoni ta' kif saru dawn l-emendi, ghax hu inkoncepibbli guridikament li mandat ta' natura kawtelatorja bbazat fuq provi biss *prima facie* jista' jassumi karattru permanenti u definittiv minghajr ma jkun hemm is-sentenza finali li ghaliha jirreferi s-subartikolu (5) tal-Artikolu 874.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------